

Brussell, 22 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

13093/25

ENV 871  
CLIMA 356  
FORETS 73  
AGRI 437  
DELECT 136

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 6310 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'19.9.2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jstabbilixxi metodu bbażat fuq ix-xjenza għall-monitoraġġ tad-diversità tad-dakkara u tal-popolazzjonijiet tad-dakkara

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2025) 6310 final.

Mehmuż: C(2025) 6310 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.9.2025  
C(2025) 6310 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'19.9.2025**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
billi jistabilixxi metodu bbażat fuq ix-xjenza għall-monitoraġġ tad-diversità tad-  
dakkara u tal-popolazzjonijiet tad-dakkara**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

#### 1.1. Sfond ġenerali u objettivi

Id-dakkara huma essenzjali għall-benesseri u s-sigurtà tal-ikel tagħna, u għas-sopravivenza tan-natura. Dawn jgħinu lill-pjanti jirriproduċu billi jitransferixxu l-għabra tad-dakra minn partijiet maskili għal dawk femminili tal-fjuri, li tagħmilha possibbli li ssir il-fertilizzazzjoni. Dan is-servizz ta' dakkir jappoġġa madwar erbgħa minn kull ħames speċijiet ta' pjanti tal-għelejjel u tal-fjuri selvaġġi fl-Ewropa, binhar u billejl. Fl-Ewropa, id-dakkara huma primarjament insetti bħan-naħal, id-dubbien, il-friefet u l-baħrijiet.

Fl-Unjoni Ewropea, id-dakkara naqsu b'mod drammatiku f'dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Il-popolazzjonijiet ta' waħda minn kull tliet speċijiet ta' naħal, hoverflies u friefet qed jiċkienu. Barra minn hekk, waħda minn kull għaxar speċijiet ta' naħal u friefet, u waħda minn kull tliet speċijiet ta' hoverflies huma mhedda bl-estinzjoni. It-tnaqqis fid-dakkara selvaġġi wassal għal sejħiet allarmanti fis-soċjetà kollha għal azzjoni deċiżiva biex jiġu indirizzati l-kawżi tat-tnaqqis, bħall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej "Insalvaw lin-naħal u lill-bdiewa", li gābret aktar minn miljun dikjarazzjoni ta' appoġġ. Ix-xjenzati wisew li mingħajr id-dakkara, l-ammonti ta' ħafna speċijiet ta' pjanti jonqsu u eventwalment jisparixxu flimkien mal-organiżmi li jiddependu fuqhom. Dan ikollu konsegwenzi ekoloġiċi, soċjali u ekonomiċi estensivi.

Biex tindirizza din l-isfida, il-Kummissjoni nediet l-Inizjattiva tal-UE dwar il-Pollinaturi fl-2018, u l-Patt Ġdid għall-Pollinaturi<sup>1</sup> fl-2023 bil-ħsieb li ssaħħaħ l-azzjonijiet tagħha. L-adozzjoni tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura<sup>2</sup> fl-2024 naqqxet l-ambizzjoni tal-Patt Ġdid għall-Pollinaturi f'mira legalment vinkolanti.

Skont ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, l-Istati Membri jridu jtejbu d-diversità tad-dakkara u jreġġgħu lura t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tad-dakkara sa mhux aktar tard mill-2030 u minn hemm 'il quddiem jilhq xejra ta' tkabbir tal-popolazzjonijiet tad-dakkara, imkejla mill-inqas darba kull 6 snin mill-2030 'il quddiem, sakemm jintlaħqu livelli sodisfaċenti.

Ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura jipprevedi wkoll li l-Istati Membri jeħtiġilhom jimmonitorjaw l-abbundanza u d-diversità tad-dakkara bl-użu ta' metodu bbażat fuq ix-xjenza. Ir-Regolament jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati biex tistabbilixxi tali metodu (il-"metodu ta' monitoraġġ"). Il-metodu ta' monitoraġġ irid jipprovdi approċċ standardizzat għall-ġbir tad-data annwali dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet tad-dakkara fl-ekosistemi kollha. Meta jimplementaw il-metodu, l-Istati Membri jridu jiżguraw li jsir monitoraġġ fuq għadd adegwat ta' siti biex tiġi żgurata r-rappreżentattività fit-territorji tagħhom. Il-metodu ta' monitoraġġ irid jipprovdi wkoll approċċ standardizzat għall-valutazzjoni tax-xejriet tal-popolazzjoni tad-dakkara u l-effettività tal-miżuri ta' restawr fil-pjanijiet nazzjonali ta' restawr, abbażi tad-data miġbura.

#### 1.2. Sfond legali

Dan ir-regolament delegat huwa bbażat fuq l-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li tistabbilixxi u taġġorna metodu bbażat fuq ix-xjenza għall-monitoraġġ tad-diversità tad-dakkara u l-popolazzjonijiet tad-dakkara. Dan il-metodu ta' monitoraġġ se jkun il-bażi għall-valutazzjoni tal-progress li jsir mill-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura

<sup>1</sup> [COM/2023/35 final](#).

<sup>2</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2024/1991](#).

biex tittejjeb id-diversità tad-dakkara u biex jitreġġa' lura t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tad-dakkara sa mhux aktar tard mill-2030 u minn hemm 'il quddiem tintlaħaq xejra ta' tkabbir tal-popolazzjonijiet tad-dakkara, imkejla mill-inqas darba kull 6 snin mill-2030 'il quddiem, sakemm jintlaħqu livelli sodisfaċenti.

Ir-regolament delegat jikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq l-oġġettiv li jiġi stabbilit metodu standardizzat ibbażat fuq ix-xjenza għall-monitoraġġ tad-diversità tad-dakkara u tal-popolazzjonijiet tad-dakkara, kif elaborat fit-taqsimha li ġejja.

### **1.3. Prinċipji u metodi xjentifiċi li jsostnu r-regolament delegat**

#### **1.3.1. Bażi xjentifika u teknika**

Il-Kummissjoni ilha tappoġġa l-iżvilupp ta' bażi xjentifika robusta għal skema ta' monitoraġġ tad-dakkara tal-UE (EU-PoMS, EU pollinator monitoring scheme) kosteffettiva permezz tal-proġett STING<sup>3</sup> mill-2019. Taħt il-koordinazzjoni taċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) tal-Kummissjoni, il-proġett laqqa' flimkien esperti bi kwalifiki għoljin, inkluż fl-oqsma tal-bijoloġija tad-dakkara, l-istharrġiet fuq il-post tal-bijodiversità u l-istatistika ekoloġika, biex jiġu żviluppanti għażliet xjentifiċi u tekniċi għall-EU-PoMS. Dawn l-għażliet ġew pilotati u ttestjati fil-prattika mill-proġett SPRING<sup>4</sup>. Ir-riżultati ta' STING ġew ippubblikati bħala żewġ Rapportji Tekniċi tal-JRC, l-ewwel rapport ta' STING mill-2021<sup>5</sup> u t-tieni rapport ta' STING mill-2024<sup>6</sup>, li jipprovdi bażi bl-ogħla livell ta' żvilupp tekniku għall-metodu ta' monitoraġġ stabbilit f'dan ir-regolament delegat.

#### **1.3.2. Approċċ ġenerali**

Ir-regolament delegat jistabbilixxi metodu ta' monitoraġġ li jipprovdi approċċ standardizzat għall-ġbir ta' data annwali dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' dakkara fl-ekosistemi kollha, għall-valutazzjoni tax-xejriet tal-popolazzjonijiet ta' dakkara u l-effettività tal-miżuri ta' restawr adottati mill-Istati Membri, kif meħtieġ mill-Artikolu 10(3) tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura.

Il-metodu jistabbilixxi sistema ta' indikaturi robusta biex jitkejlu l-bidliet fil-popolazzjonijiet ta' dakkara, magħmula minn (i) indikatur komuni tad-dakkara għall-valutazzjoni tax-xejriet fl-abbundanza u d-diversità ta' speċijiet komuni ta' dakkara f'kull Stat Membru, u (ii) indikatur tar-rikkezza tal-ispeċijiet ta' dakkara għall-valutazzjoni tax-xejriet fl-għadd totali ta' speċijiet ta' dakkara (komuni u rari) osservati fi Stat Membru.

L-indikatur komuni tad-dakkara huwa magħmul minn metriċi stabbiliti għall-valutazzjoni tal-abbundanza tal-ispeċijiet (l-indiċi ta' abbondanza ġeneralizzat) u d-diversità (l-Indiċi tad-Diversità ta' Shannon-Wiener). Minħabba li l-ispeċijiet rari ta' dakkara mhux se jiġu rreġistrati fil-biċċa l-kbira tas-siti ta' monitoraġġ, dawn il-metriċi ma humiex adattati biex ikopru l-ispeċijiet rari ta' dakkara. L-ispeċijiet rari, flimkien mal-ispeċijiet komuni ta'

<sup>3</sup> [Science and Technology for Pollinating Insects \(STING\)](#) u [Science and Technology for Pollinating Insects Plus \(STING+\)](#).

<sup>4</sup> [Strengthening Pollinator Recovery through Indicators and Monitoring](#).

<sup>5</sup> Potts, S., Dauber, J., Hochkirch, A., Oteman, B., Roy, D., Ahnre, K., Biesmeijer, K., Breeze, T., Carvell, C., Ferreira, C., Fitzpatrick, Ú., Isaac, N., Kuussaari, M., Ljubomirov, T., Maes, J., Ngo, H., Pardo, A., Polce, C., Quaranta, M., Settele, J., Sorg, M., Stefanescu, C. u Vujic, A. (2020): Proposal for an EU pollinator monitoring scheme, [JRC122225](#).

<sup>6</sup> Potts, S.G., Bartomeus, I., Biesmeijer, K., Breeze, T., Casino, A., Dauber, J., Dieker, P., Hochkirch, A., Høye, T., Isaac, N., Kleijn, D., Laikre, L., Mandelik, Y., Montagna, M., Montero Castaño, A., Öckinger, E., Oteman, B., Pardo Valle, A., Polce, C., Povellato, A., Quaranta, M., Roy, D., Schweiger, O., Settele, J., Ståhls-Mäkelä, G., Tamborra, M., Troost, G., Van Der Wal, R., Vujic, A. u Zhang, J. (2024): Refined proposal for an EU pollinator monitoring scheme, [JRC138660](#).

dakkara, se jiġu indirizzati billi jiġi stabbilit l-għadd totali ta' speċijiet ta' dakkara rreġstrat kull sena f'kull Stat Membru (l-indikatur tar-rikkezza tal-ispeċijiet).

Sabiex jiġu żgurati kwantità u kwalità adegwati tad-data għall-kalkolu tal-indikatur komuni tad-dakkara u l-indikatur tar-rikkezza tal-ispeċijiet ta' dakkara, il-metodu ta' monitoraġġ jistabbilixxi approċċ xjentifikament robust u kosteffettiv għall-ġbir ta' data dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' dakkara. Il-karatteristiċi ewlenin ta' dan l-approċċ huma l-għażla tas-siti ta' monitoraġġ permezz ta' kampjunar aleatorju stratifikat, l-użu ta' mixxiet f'transsect u ta' nases tad-dawl għal speċijiet komuni, u żjarat immirati fuq il-post għal speċijiet rari.

L-approċċ tal-ġbir tad-data u l-approċċ ta' valutazzjoni li jwassal għall-kalkolu tal-indikaturi jiffurmaw pakkett metodoloġiku koerenti. Dan il-pakkett jibbilanċja l-volum tad-data meħtieġ biex jinbnew indikaturi robusti u affidabbli, l-għadd minimu ta' siti ta' monitoraġġ u l-isforz tal-ġbir tad-data meħtieġ f'kull sit. L-għażla tas-siti ta' monitoraġġ abbażi ta' kampjunar aleatorju stratifikat hija karatteristika ewlenija ta' din il-koerenza metodoloġika.

### 1.3.3. Speċijiet fil-mira

Fl-Ewropa, il-pjanti tal-fjuri jiġu mdakkra minn firxa wiesgħa ta' gruppi tassonomiċi ta' insetti bħan-naħal, il-hoverflies u dubbien ieħor, il-friefet, il-baħrijiet, iż-żnażan, it-thrips, u l-ħniefes. Filwaqt li, fil-prinċipju, il-monitoraġġ tad-dakkara għandu jinkludi l-gruppi kollha, il-kapaċitajiet attwalment disponibbli jiġġustifikaw il-limitazzjoni tal-ambitu għan-naħal, il-hoverflies, il-friefet u l-baħrijiet (esklużi l-mikrobaħrijiet). Dan għandu l-għan li jippermetti lill-Istati Membri jimplementaw b'mod effettiv il-metodu ta' monitoraġġ u gradwalment jibnu l-kapaċità għall-monitoraġġ ta' gruppi oħra b'mod effiċjenti. L-erba' gruppi magħżula jinkludu firxa wiesgħa ta' rwoli speċifiċi li d-dakkara jaqdu fl-ekosistemi agrikoli u forestali, kif ukoll ekosistemi oħra (inklużi ekosistemi urbani u ekosistemi naturali mhux ġestiti għajr il-foresti) permezz tad-dakkir binhar u billejl.

F'konformità mar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura, l-ambitu tal-monitoraġġ huwa limitat għall-ispeċijiet ta' dakkara selvaġġi. Għal din ir-raġuni, in-naħal tal-għasel (*Apis mellifera*) huwa eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament delegat. In-naħal tal-għasel huwa primarjament ġestit mill-bnedmin, u l-preżenza tiegħu fis-selvaġġ hija limitata. Id-distinzjoni bejn il-popolazzjonijiet ġestiti u selvaġġi tan-naħal tal-għasel fuq il-post tkun diffiċli u ta' piż żejjed.

L-ispeċijiet aljeni ta' dakkara huma speċijiet introdotti barra mill-medda naturali tagħhom. Dawn ma jikkontribwux għall-komunitajiet indiġeni ta' dakkara u jistgħu saħansitra joħolqu theddida għalihom. L-Istati Membri jistgħu jinkludu l-ispeċijiet aljeni ta' dakkara fl-ambitu tal-monitoraġġ bil-għan li tittejjeb is-sorveljanza tat-tixrid ta' tali speċijiet. Madankollu, l-ispeċijiet aljeni ta' dakkara huma esklużi mill-valutazzjoni tax-xejriet fl-abbundanza u fid-diversità tad-dakkara.

### 1.3.4. Identifikazzjoni tal-ispeċijiet

Ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura jeħtieġ il-ġbir ta' data dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' dakkara fl-ekosistemi kollha. Dan jeħtieġ l-identifikazzjoni ta' kampjuni osservati u maqbuda fil-livell tal-ispeċijiet.

Ir-regolament delegat jagħti l-flessibbiltà lill-Istati Membri fir-rigward tal-metodi għall-identifikazzjoni tal-ispeċijiet. Il-metodi għandhom ikunu ppruvati xjentifikament. Għall-mixxiet f'transsect, is-sehem ta' kampjuni identifikati direttament fuq il-post se jiżdied hekk kif tikber il-kapaċità tal-esperti.

### 1.3.5. Għażla ta' siti ta' monitoraġġ

Monitoraġġ kosteffettiv jitlob sforz minimu biex tinġabar data adegwata għall-valutazzjoni tal-progress lejn il-miri stabbiliti skont l-Artikolu 10(1) tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura. Il-metodu stabbilit fir-regolament delegat huwa bbażat fuq il-monitoraġġ tad-dakkara fuq għadd minimu ta' siti li huma rappreżentattivi tat-territorju kollu ta' Stat Membru. Sabiex jiġi żgurat dan, l-għażla tas-siti ta' monitoraġġ trid issir b'mod aleatorju fit-territorju kollu. Inkella, jiġi introdott preġudizzju fil-proċess tal-għbir tad-data, li jagħmel il-valutazzjoni bbażata fuq tali data inaffidabbli. L-għażla tas-sit permezz ta' kampjunar aleatorju hija prinċipju ewleni biex jinkiseb metodu ta' monitoraġġ statistikament robust.

Il-kampjunar stratifikat tas-siti ta' monitoraġġ jiġi applikat billi s-sett kollu ta' siti potenzjali ta' kampjunar fit-territorju terrestri ta' Stat Membru jinqasam fi strati (differenzjati skont it-tipi ewlenin ta' ekosistemi u r-reġjuni bijoġeografiċi), li għandhom jiġu rappreżentati kif xieraq fil-proċess tal-għażla tas-siti.

L-għadd minimu ta' siti f'kull Stat Membru ġie kkalkolat permezz ta' proċess xjentifiku robust ibbażat fuq rieżami tal-letteratura, analiżi tad-data tal-monitoraġġ mid-dinja reali u d-data ġġenerata minn mudell tal-kompjuter, analiżi tas-saħħa statistika, u valutazzjoni esperta. L-approċċ ta' mmudellar ivvaluta r-relazzjoni bejn l-għadd ta' siti, is-saħħa statistika biex jiġi identifikat ċertu livell ta' bidla fl-abbundanza komuni tal-ispeċijiet ta' dakkara u r-rekwiżit li jinġabar għadd suffiċjenti ta' osservazzjonijiet biex tiġi kkalkolata l-abbundanza għal mill-inqas 30 % tal-ispeċijiet.

Il-kalkolu twettaq separatament għal kull Stat Membru peress li r-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura jistabbilixxi mira legalment vinkolanti fuq id-dakkara fil-livell nazzjonali. Il-fatturi ewlenin li ddeterminaw in-numru minimu ta' siti kienu r-rikkezza tal-ispeċijiet u l-eteroġeneità tal-kopertura tal-art fi Stat Membru – żewġ fatturi li jvarjaw sostanzjalment bejn l-Istati Membri. Id-daqs tal-pajjiż kellu impatt limitat u indirett, fejn affettwa r-rikkezza tal-ispeċijiet jew l-eteroġeneità tal-kopertura tal-art. Din hija r-raġuni għaliex għadd raġonevoli ta' siti huma meħtieġa wkoll fi Stati Membri ta' daqs żgħir. Dan huwa allinjat mal-prinċipji tax-xjenza tal-istatistika: il-fattur primarju fid-determinazzjoni tad-daqs ta' kampjun (jiġifieri l-għadd minimu ta' siti) minn popolazzjoni statistika (jiġifieri t-territorju kollu ta' Stat Membru) huwa l-varjabbiltà tal-popolazzjoni (jiġifieri l-grad sa fejn il-parametri rilevanti jvarjaw fil-popolazzjoni) aktar milli d-daqs tal-kampjun relattiv għall-popolazzjoni.

Il-metodu jiddefinixxi sit ta' monitoraġġ bħala kwadru ta' 2 km x 2 km iċċentrat fuq punt tal-grilja ewlenija LUCAS<sup>7</sup>. Dan jagħti biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri biex jippożizzjonaw b'mod effettiv transect ta' 1 km jew nassa tad-dawl f'sit ta' monitoraġġ. Il-grilja LUCAS, li hija stabbilita sew u tintuża b'mod mifruż, intgħażlet biex jiġi standardizzat u ffaċilitat il-proċess ta' kampjunar aleatorju stratifikat fl-Istati Membri. L-informazzjoni dwar il-kopertura tal-art u l-użu tal-art hija disponibbli faċilment għal din il-grilja.

Huma stabbiliti distanzi minimi bejn is-siti ta' monitoraġġ biex jiġi żgurat li dawn ikunu mifrużin madwar it-territorju ta' Stat Membru.

Ir-regolament delegat jipprovdi lista ta' kriterji ta' esklużjoni fakultattivi li l-Istati Membri jistgħu jużawhom biex jeskludu postijiet li jistgħu jkunu wisq ta' piż jew impossibbli li jiġu mmonitorjati (siti remoti jew inaċċessibbli).

Ir-regolament delegat jipprovdi wkoll li s-siti ta' monitoraġġ ma għandhomx jinbidlu matul perjodu ta' valutazzjoni — dan huwa fundamentali biex jiġi evitat kull preġudizzju potenzjali. Jistabbilixxi regoli ċari għas-sostituzzjoni ta' sit magħżul f'każ li sussegwentement isir inaċċessibbli.

<sup>7</sup> [Sfharriġ qafas tal-Użu tal-Art/taż-Żona Koperta.](#)

Meta wieħed iqis li perċentwal għoli tal-art huwa proprjetà privata, huwa importanti li l-Istati Membri jstabbilixxu kooperazzjoni mas-sidien tal-art u mal-manigiers tal-art bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni ta' attivitajiet ta' monitoraġġ fuq art privata.

### **1.3.6. Protokoll għall-ġbir tad-data fuq il-post**

Għad-dakkara attivi binhar (jiġifieri n-naħal, il-hoverflies, il-friefet u l-baħrijiet attivi binhar), il-mixxiet f'transsect huma l-aktar metodu kosteffettiv biex tinġabar data fuq il-post għal analiżi tax-xejriet standardizzata. Sabiex jiġi evitat il-preġudizzju statistiku, rekwiżit ewlieni huwa li jiġi standardizzata il-protokoll tal-ġbir tad-data f'termini ta' spazju (il-post u t-tul tat-trajettorja tat-transsect, u l-ispazju ta' osservazzjoni madwar surveyor) u żmien (it-tul ta' żmien tal-osservazzjoni fuq it-trajettorja tat-transsect). Barra minn hekk, sabiex jiġu żgurati kwantità u kwalità adegwati tad-data miġbura, il-mixxiet f'transsect għandhom isiru separatament għan-naħal, għall-hoverflies, u għall-friefet flimkien mal-baħrijiet attivi binhar minħabba li jvarjaw fid-dehra u fl-imġiba, li jagħmilha diffiċli għal surveyor biex jissorvelja b'mod xieraq aktar minn grupp wieħed fi żmien.

Għall-baħrijiet attivi billejl, in-nases tad-dawl huma l-aktar metodu kosteffettiv biex tinġabar id-data fuq il-post għal analiżi tax-xejriet standardizzata. Fir-rigward tal-mixxiet f'transsect, l-ispazju (il-pożizzjoni ta' nassa tad-dawl) u ż-żmien (il-frekwenza u l-interval taż-żmien bejn il-perjodi attivi ta' nassa tad-dawl) għandhom ikunu standardizzati fil-protokoll għall-ġbir tad-data. Sabiex jiġi evitat preġudizzju statistiku, huwa importanti li d-disinn tan-nassa tad-dawl jiġi standardizzata, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jsir aġġustament għall-kundizzjonijiet tad-dawl fil-latitudnijiet tat-Tramuntana.

Il-monitoraġġ ta' speċijiet rari ta' dakkara se jsir permezz ta' żjarat immirati fuq il-post f'postijiet magħrufa. Dan se jkun limitat għall-ispeċijiet ivvalutati bħala li huma f'periklu kritiku skont il-Lista Ħamra tal-UE, u/jew il-listi ħomor nazzjonali ta' speċijiet mhedda.

### **1.4. Simplifikazzjoni, tnaqqis tal-piż u kosteffettività**

Il-metodu ta' monitoraġġ stabbilit fir-regolament delegat huwa mfassal biex jiżgura kejl xjentifikament robust tal-popolazzjonijiet u tad-diversità tad-dakkara, filwaqt li jomm kemm il-piż amministrattiv kif ukoll il-kostijiet tal-implimentazzjoni kemm jista' jkun baxxi għall-Istati Membri.

Filwaqt li d-dakkara jinkludu għexieren ta' eluf ta' speċijiet f'diversi gruppi tassonomiċi ta' insetti, il-metodu jillimita l-ambitu tal-monitoraġġ għal erba' gruppi tassonomiċi: in-naħal, il-hoverflies, il-friefet, u l-baħrijiet (minbarra l-mikrobahrijiet). Għal dawn il-gruppi, il-kapaċità ta' monitoraġġ diġà teżisti jew tista' tinbena b'mod kosteffettiv f'perjodu ta' żmien qasir. Biex ikompli jitnaqqas il-piż fuq l-Istati Membri, huma inklużi biss speċijiet akbar ta' baħrijiet peress li l-identifikazzjoni tagħhom tista' tiġi ffaċilitata permezz tar-rikonossiment tal-immagna u l-intelliġenza artifiċjali.

Sabiex jiġi limitat il-piż fuq l-Istati Membri, il-metodu jstabbilixxi reġim speċifiku għall-monitoraġġ ta' speċijiet rari ta' dakkara. L-ispeċijiet rari ta' dakkara għandhom jiġu mmonitorjati permezz ta' żjarat immirati fuq il-post f'postijiet magħrufa, li huwa aktar effiċjenti f'termini ta' riżorsi milli kieku jtkoprew fis-sistema tal-kampjunar aleatorju stratifikat għall-għażla tas-siti stabbilita għal speċijiet komuni. Din l-għażla metodoloġika tippermetti l-minimizzazzjoni tal-għadd ta' siti ta' monitoraġġ għal speċijiet komuni. Barra minn hekk, biex jitnaqqas aktar il-piż fuq l-Istati Membri, l-għadd ta' speċijiet rari li għandhom jiġu mmonitorjati huwa limitat: il-monitoraġġ immirat huwa obbligatorju biss għal speċijiet f'periklu kritiku, u l-Istati Membri jistgħu jillimitaw dak in-numru għal 15.

Ir-regolament delegat jipprova marġni wiesa' għall-Istati Membri biex jadattaw il-metodu skont il-ħtieġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom:

- Dan jippermetti lill-Istati Membri jiddefinixxu l-għadd ta' siti ta' monitoraġġ għall-ispeċijiet komuni, filwaqt li jistabbilixxi għadd minimu ta' siti għal kull Stat Membru. L-għadd minimu jirrappreżenta l-limitu minimu tal-isforz ta' kampjunar li jeħtieġ li jsir biex tinkiseb kwantifikazzjoni statistikament soda tax-xejriet fl-abbundanza u d-diversità tad-dakkara. Dan il-minimu jippermetti l-għbir ta' data adegwata dwar l-abbundanza għal 30 % biss tal-ispeċijiet.
- L-Istati Membri jistgħu jeskludu postijiet remoti jew inaċċessibbli minn kampjun aleatorju ta' siti.
- L-Istati Membri jistgħu jużaw siti ta' monitoraġġ stabbiliti minn qabel jekk dawk is-siti kienu ntgħażlu f'konformità mar-regoli għall-għażla tas-siti stabbiliti fir-regolament delegat.
- L-Istati Membri għandhom il-flessibbiltà li jiddefinixxu l-perjodu annwali ta' osservazzjoni u l-kundizzjonijiet ambjentali ottimali għall-istħarriġ fuq il-post f'dan il-perjodu.
- L-Istati Membri għandhom ukoll il-flessibbiltà li jqiegħdu t-trajettorja tat-transect u n-nases tad-dawl f'sit ta' monitoraġġ, u li jiddeterminaw l-aħjar disinn tan-nases tad-dawl.

L-aspetti ta' hawn fuq tal-metodu ta' monitoraġġ jimminimizzaw ir-rekwiżiti tekniċi, il-piż amministrattiv u l-loġistika fl-Istati Membri, filwaqt li jiżguraw l-aktar approċċ kosteffettiv biex jintlaħaq l-oġettiv stabbilit fir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura.

### **1.5. Appoġġ lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tar-regolament delegat**

Il-Kummissjoni għamlet investimenti sinifikanti biex tgħin lill-Istati Membri jibnu l-kapaċità u jħejju għall-implimentazzjoni tal-metodu ta' monitoraġġ.

Il-proġett SPRING offra appoġġ imfassal apposta lill-Istati Membri għall-bini tal-kapaċità amministrattiva u teknika għall-implimentazzjoni tal-metodu ta' monitoraġġ, filwaqt li l-proġett STING+ jinkorpora helpdesk tekniku għall-awtoritajiet nazzjonali biex jiffaċilita l-varar tiegħu.

Il-Kummissjoni bħalissa tappoġġa t-taħriġ ta' surveyors fuq il-post għall-monitoraġġ tad-dakkara u l-identifikazzjoni ta' speċijiet ta' dakkara permezz tal-proġetti EPIC<sup>8</sup> (EPIC-bee, EPIC-fly, u EPIC-butterfly).

Il-Kummissjoni tappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' għodod tassonomiċi meħtieġa għall-monitoraġġ tad-dakkara permezz tal-proġetti ORBIT<sup>9</sup> u Taxo-fly<sup>10</sup>, kif ukoll permezz tal-proġetti ta' Orizzont Ewropa TETTRIs<sup>11</sup> u MAMBO<sup>12</sup>.

### **1.6. Kostijiet stmati għall-implimentazzjoni tar-regolament delegat**

Il-kost annwali għall-implimentazzjoni tal-metodu ta' monitoraġġ kif stabbilit fir-regolament delegat ġie stmat għal EUR 11,9 miljun (prezzijiet tal-2024) għall-Unjoni kollha kemm hi. Dan jissarraf fi tnaqqis ta' 33 sa 37 % meta mqabbel mal-istima tal-kost inizjali fil-valutazzjoni tal-impatt<sup>13</sup> li tirfed il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura.

<sup>8</sup> [European Pollinator Courses.](#)

<sup>9</sup> <https://orbitproject.wordpress.com>

<sup>10</sup> <https://www.helsinki.fi/en/projects/taxonomic-information-european-hoverfly-species>

<sup>11</sup> [Transforming European Taxonomy through Training, Research and Innovations.](#)

<sup>12</sup> [Modern Approaches to the Monitoring of Biodiversity.](#)

<sup>13</sup> SWD(2022) 167 final, PARTI 5/12, p. 497.

L-istima tal-kost inizjali kienet ibbażata fuq l-ewwel rapport ta' STING u varjat bejn EUR 17,7 u EUR 18,9 miljun meta jsir aġġustament għall-inflazzjoni (prezzijiet tal-2024).

L-istima aġġornata tinkludi l-kostijiet tal-investimenti f' materjali użati għall-monitoraġġ, it-twertiq ta' s'fharriġ fuq il-post (mogħdijiet tat-transect, nases tad-dawl, u żjarat immirati fuq il-post għal speċijiet rari), l-identifikazzjoni ta' kampjuni ta' dakkara fil-laboratorju u l-ħżin tagħhom, l-impustar ta' materjal għal skopijiet ta' identifikazzjoni u ħżin, it-taħriġ tas-surveyors, il-kostijiet ġenerali, u l-kostijiet lavorattivi għajr il-pagi.

Id-differenza bejn l-istima inizjali u dik aġġornata tal-kost hija dovuta għall-metodoloġija ta' monitoraġġ integrata u ssimplifikata. L-istima aġġornata tal-kost kienet ibbażata fuq metodu ta' monitoraġġ li jinkludi l-bidliet li ġejjin meta mqabbel mal-metodu għall-istima tal-kost inizjali:

- Il-mixja f'transect hija l-uniku metodu għall-monitoraġġ ta' speċijiet komuni ta' naħal, hoverflies, friefet u baħrijiet attivi binhar (meta mqabbla mal-kombinazzjoni ta' mixjiet f'transect u ta' nases tal-plattini ikkunsidrati fl-istima inizjali).
- L-għadd minimu ta' siti li fuqhom għandu jitwettaq ta' monitoraġġ tnaqqas (1 820 meta mqabbel ma' 1 988 fl-istima inizjali).
- Żdiedu kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jeskludu postijiet remoti jew inaċċessibbli minn kampjun aleatorju ta' siti.

Il-metodu ta' kalkolu użat għall-istima aġġornata tal-kost ittejjeb permezz ta':

- L-inklużjoni ta' elementi addizzjonali li ma ġewx ikkunsidrati fl-istima inizjali, bħall-kostijiet ġenerali, il-kostijiet għall-għażla tas-sit, id-dħul u l-validazzjoni tad-data, u għall-ħżin tal-kampjuni miġbura.
- Jekk wieħed jassumi sehem oġġla ta' kampjuni (20-50 % għan-naħal u 10-20 % għall-hoverflies, skont ir-reġjun bijoġeografiku) li jeħtieġ li jiġu identifikati f'laboratorju meta mqabbla mal-istima inizjali, b'mod partikolari fl-ewwel 3 snin ta' monitoraġġ u fir-reġjun tal-Mediterran minħabba d-diversità oġġla tal-ispeċijiet tiegħu.
- Dan jekk wieħed jassumi li l-monitoraġġ se jitwettaq kompletament minn professjonisti mħallsa. L-integrazzjoni tax-xjenza taċ-ċittadini, li potenzjalment tista' tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-kostijiet ta' monitoraġġ, ma kinitx ikkunsidrata b'kuntrast mal-istima inizjali.

Minkejja l-inklużjoni ta' dawn il-kostijiet addizzjonali, il-metodu ta' monitoraġġ stabbilit f'dan ir-regolament delegat huwa ferm aktar kosteffettiv meta mqabbel mal-metodoloġija inizjali ppreżentata fil-valutazzjoni tal-impatt tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura. Ir-raġunijiet għal dan jinsabu fl-integrazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-metodoloġija, kif huwa elaborat fit-Taqsima 1.4.

## 1.7. Sinerġiji ma' politiki oħrajn

L-Anness I tar-Regolament dwar il-pjanijiet strateġiċi għall-Politika Agrikola Komuni<sup>14</sup> jindika li x-xejriet għad-dakkara għandhom jiġu vvalutati bl-użu ta' miżuri rilevanti tal-Unjoni għall-indikaturi tad-dakkara. L-indikaturi tad-dakkara stabbiliti f'dan ir-regolament delegat huma miżuri xierqa għal dan il-għan.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT DELEGAT

<sup>14</sup> [Ir-Regolament \(UE\) 2021/2115.](#)

## 2.1. Konsultazzjoni tal-Istati Membri u tal-partijiet ikkonċernati

L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati dwar l-abbozz tar-regolament delegat permezz tal-Grupp ta' Ħidma dwar id-Dakkara tal-Pjattaforma tal-UE għall-Bijodiversità<sup>15</sup> (laqgħat tal-20 ta' Novembru 2024, tas-16 ta' Diċembru 2024, tad-19 ta' Frar 2025 u tat-28 ta' Mejju 2025) u tal-Grupp ta' Esperti dwar ir-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura (laqgħa tal-1 ta' Lulju 2025).

Abbażi tal-feedback li rċeviet minn dawn l-attivitajiet ta' konsultazzjoni, il-Kummissjoni integrat għadd ta' modifiki fl-abbozz ta' regolament delegat tagħha, bil-għan li tiffaċilita l-implimentazzjoni u tnaqqas il-piż fuq l-Istati Membri filwaqt li żżomm ir-robustezza xjentifika tal-metodu ta' monitoraġġ. Il-modifiki kienu jinkludu b'mod partikolari dan li ġej:

- Ambitu sostanzjalment imnaqqas tal-ispeċijiet li għandhom jiġu mmonitorjati
- Regoli aktar flessibbli għall-għażla tas-siti biex jiġi żgurat proċess ta' kampjunar kosteffettiv
- L-użu ta' siti diġà eżistenti għall-monitoraġġ (jekk jissodisfaw ir-regoli għall-għażla tas-siti)
- Definizzjoni flessibbli ta' perjodu ta' osservazzjoni
- Il-mixja f'transsect tqassret għal 1 km fit-tul u għal 60 minuta fil-ħin
- Għadd imnaqqas ta' nases tad-dawl f'kull sit ta' monitoraġġ (tnejn)
- Operazzjonalizzazzjoni flessibbli tal-protokoll tal-ġbir tad-data rigward il-frekwenza tal-monitoraġġ u l-kundizzjonijiet ambjentali ottimali għall-eżekuzzjoni tagħhom
- Flessibbiltà fil-pożizzjonament tat-trajettorja tat-transsect
- Flessibbiltà fil-pożizzjonament u fid-disinn tan-nases tad-dawl
- Approċċ simplifikat għall-monitoraġġ ta' speċijiet rari: sforz imnaqqas biex tiġi stabbilita l-preżenza ta' speċijiet rari, għadd aktar limitat ta' speċijiet li għandhom jiġu mmonitorjati u flessibbiltà biex tingħata prijorità lill-ispeċijiet abbażi tal-Lista l-Ħamra tal-UE jew dik nazzjonali
- Valutazzjoni kkombinata tax-xejriet tal-popolazzjoni tal-gruppi kollha ta' dakkara
- Indikatur simplifikat għal speċijiet rari

Barra minn hekk, saru aktar modifiki fl-abbozz tar-regolament delegat biex tittejjeb iċ-ċarezza tat-test legali.

## 2.2. Feedback pubbliku

L-abbozz tar-regolament delegat ġie ppubblikat għall-feedback pubbliku fuq il-portal Semma' Leġneq mid-19 ta' Ġunju 2025 sas-17 ta' Lulju 2025<sup>16</sup>. B'kollox, wasal feedback mingħand 4044 parti kkonċernata, inklużi ċittadini tal-UE (3868), ċittadini mhux tal-UE (85), organizzazzjonijiet nongovernattivi (23), istituzzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka (17), organizzazzjonijiet ambjentali (12), kumpaniji/negozji (10), assoċjazzjonijiet tan-negozju (7), awtoritajiet pubbliċi (4), organizzazzjonijiet tal-konsumatur (1), u partijiet ikkonċernati oħra (17).

<sup>15</sup> [Pjattaforma tal-UE għall-Bijodiversità \(E02210\)](#).

<sup>16</sup> [https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14689-Nature-Restoration-Regulation-science-based-method-for-monitoring-pollinator-diversity-and-pollinator-populations\\_mt](https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14689-Nature-Restoration-Regulation-science-based-method-for-monitoring-pollinator-diversity-and-pollinator-populations_mt)

Il-maġġoranza l-kbira (aktar minn 90 %) taċ-ċittadini tal-UE, iċ-ċittadini mhux tal-UE, l-NGOs, l-istituzzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka u l-organizzazzjonijiet ambjentali appoġġaw l-abbozz ta' regolament delegat, filwaqt li talbu lill-Kummissjoni żżomm il-livell ta' ambizzjoni u l-elementi ewlenin tal-metodu ta' monitoraġġ propost jew issaħħaħhom aktar. Prattikament ir-rispondenti kollha minn dawn il-gruppi ta' partijiet ikkonċernati enfasizzaw il-ħtieġa uргenti li jiġu restawrati l-popolazzjonijiet ta' dakkara, bil-maġġoranza tagħhom jisħqu dwar l-importanza ta' metodu ta' monitoraġġ robust. Madwar kwart tar-rispondenti esprimew preferenza għal metodu ta' monitoraġġ aktar ambizzjuż li jinvolvi għadd akbar ta' siti ta' monitoraġġ, ambitu tassonomiku usa' tal-monitoraġġ, jew metodi addizzjonali jew aktar intensivi għall-għbir tad-data. Il-ħtieġa għall-bini tal-kapaċitajiet u l-investment kontinwu fit-taħriġ ġiet enfasizzata minn uħud mill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari l-istituzzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka.

L-istituzzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka jew appoġġaw il-metodu ta' monitoraġġ kif propost (35 %) jew għamlu suġġerimenti biex dan jissaħħaħ (41 %). Uħud minn dawn is-suġġerimenti kienu jinvolvu metodi li għadhom fl-istadju tal-iżvilupp. Ġew espressi fehmiet differenti dwar l-użu ta' metodi ta' monitoraġġ ibbażati fuq id-DNA għall-monitoraġġ ta' kwantitajiet kbar ta' dakkara. Xi istituzzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka (12 %) qiesu li l-approċċ fl-abbozz tar-regolament delegat jista' jinvolvi kostijiet ta' implimentazzjoni oġhla milli stmat.

Il-kumpaniji/negozji u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju jew appoġġaw bis-sħiħ il-metodu ta' monitoraġġ propost (50 %), jew skema aktar sempliċi u flessibbli (25 %), jew talbu li l-iskema ta' monitoraġġ tkun aktar ambizzjuża (19 %). L-assoċjazzjonijiet tal-bdiewa u tas-sidien tal-foresti enfasizzaw il-ħtieġa li jitqies l-aċċess għall-art privata, li jiġi evitat tfixkil fl-attivitajiet ekonomiċi tagħhom jew kostijiet għas-sidien tal-art, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu evitati implikazzjonijiet negattivi mill-pubblikazzjoni tal-postijiet ta' monitoraġġ.

L-awtoritajiet pubbliċi appoġġaw il-proposta, filwaqt li saħqu dwar id-diffikultajiet tal-monitoraġġ ta' baħrijiet attivi billejl f'żoni urbani (50 %), u ssuġġerew li jkun hemm biżżejjed flessibbiltajiet fir-rigward tal-għażla tas-siti (25 %).

B'mod ġenerali, il-feedback pubbliku wera livell għoli ta' appoġġ għall-metodu ta' monitoraġġ stabbilit fl-abbozz ta' regolament delegat fost diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati. Il-feedback riċevut indika li l-metodu ta' monitoraġġ żgħura bilanċ tajjeb bejn ir-robustezza xjentifika tal-metodu ta' monitoraġġ u l-implimentazzjoni tiegħu fil-prattika.

### **3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

Dan ir-Regolament Delegat huwa msejjes fuq l-għoti tas-setgħa stabbilit fl-Artikolu 10(2) tar-Regolament dwar ir-Restawr tan-Natura.

L-Artikolu 1 jistabbilixxi d-definizzjonijiet.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi r-regoli dwar l-ispeċijiet ta' dakkara li għandhom jiġu mmonitorjati.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi r-regoli dwar is-siti ta' monitoraġġ.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi r-regoli dwar il-perjodu ta' osservazzjoni.

L-Artikolu 5 jistabbilixxi l-protokoll tal-għbir tad-data għan-naħal, il-hoverflies, il-friefet u l-baħrijiet attivi binhar.

L-Artikolu 6 jistabbilixxi l-protokoll tal-għbir tad-data għall-baħrijiet attivi billejl.

L-Artikolu 7 jistabbilixxi l-protokoll tal-għbir tad-data għal speċijiet rari ta' dakkara.

L-Artikolu 8 jistabbilixxi regoli dwar l-identifikazzjoni tal-ispeċijiet.

L-Artikolu 9 jistabbilixxi regoli dwar il-valutazzjoni tax-xejriet tal-popolazzjoni tad-dakkara.

L-Artikolu 10 jistabbilixxi regoli dwar il-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri ta' restawr.

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'19.9.2025

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi metodu bbażat fuq ix-xjenza għall-monitoraġġ tad-diversità tad-dakkara u tal-popolazzjonijiet tad-dakkara**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869<sup>17</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2024/1991,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2024/1991 jirrikjedi li l-Istati Membri jtejbu d-diversità tad-dakkara u jreggħu lura t-tnaqqis fil-popolazzjonijiet tad-dakkara sa mhux aktar tard mill-2030 u minn hemm 'il quddiem jilħaq xejra ta' tkabbir tal-popolazzjonijiet tad-dakkara, imkejla mill-inqas darba kull 6 snin mill-2030 'il quddiem, sakemm jintlaħqu livelli sodisfaċenti.
- (2) Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi metodu bbażat fuq ix-xjenza għall-monitoraġġ tad-diversità tad-dakkara u tal-popolazzjonijiet tad-dakkara (il-“metodu ta' monitoraġġ”) li jipprovdi approċċ standardizzat għall-għbir ta' data annwali dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet tad-dakkara fl-ekosistemi kollha, u għall-valutazzjoni tax-xejriet tal-popolazzjoni tad-dakkara u tal-effettività tal-miżuri ta' restawr.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2024/1991 jirrikjedi li l-Istati Membri jimmonitorjaw kull sena l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' dakkara bl-użu tal-metodu ta' monitoraġġ u jirrapportaw ir-risultati tal-monitoraġġ lill-Kummissjoni.
- (4) Sabiex jiġi żgurat il-għbir ta' data ta' kwalità għolja u b'hekk valutazzjoni xjentifikament soda tal-progress lejn il-mira għar-restawr tal-popolazzjonijiet tad-dakkara, il-metodu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jkun ibbażat fuq prinċipji u metodi xjentifiċi stabbiliti. Minkejja li se jkun standardizzat fost l-Istati Membri kollha, il-metodu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jippermetti bizzżejjed flessibilità biex jiġu indirizzati l-kundizzjonijiet ambjentali lokali.
- (5) L-ambitu tal-metodu ta' monitoraġġ jenħtieġ li jimmira lejn il-gruppi tassonomiċi ta' dakkara li għalihom hemm kapacià teknika suffiċjenti għall-monitoraġġ jew fejn tali kapacià tista' tinbena b'mod kosteffettiv f'perjodu ta' żmien qasir. L-ambitu jenħtieġ li jiġi rivedut u estiż għal gruppi tassonomiċi addizzjonali ta' dakkara meta l-kapacià teknika tiżdied fil-futur.

<sup>17</sup> ĠU L 2024/1991, 29.7.2024, p. 1–93, <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1991/oj>

- (6) Sabiex tiġi żgurata l-kosteffettività tal-metodu ta' monitoraġġ, jenħtieġ li jintużaw varjetà ta' approċċi għall-monitoraġġ ta' speċijiet komuni ta' dakkara u speċijiet rari ta' dakkara. L-ispeċijiet komuni jenħtieġ li jiġu mmonitorjati f'siti magħżula bl-applikazzjoni ta' approċċ ta' kampjunar aleatorju stratifikat. L-ispeċijiet rari ta' dakkara jenħtieġ li jiġu mmonitorjati minn żjarat immirati fuq il-post peress li x-xejriet tal-popolazzjoni għal dawn l-ispeċijiet ma jistgħux jiġu identifikati permezz tal-kampjunar aleatorju stratifikat f'għadd limitat ta' siti ta' monitoraġġ.
- (7) Meta titqies il-kapaċità limitata għall-monitoraġġ tal-ispeċijiet rari ta' dakkara permezz ta' żjarat immirati fuq il-post, l-isforzi jenħtieġ li jkunu ffokati fuq l-ispeċijiet l-aktar mhedda fil-livell tal-Unjoni jew nazzjonali, u l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jillimitaw il-monitoraġġ għal 15-il speċi rari ta' dakkara. L-għadd ta' speċijiet rari ta' dakkara li għandhom jiġu mmonitorjati għandu jiġi rivedut u estiż meta l-kapaċità ta' monitoraġġ immirat tiżdied fil-futur.
- (8) Ir-Regolament (UE) 2024/1991 jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li d-data ta' monitoraġġ tiġi minn għadd adegwat ta' siti ta' monitoraġġ biex tiġi żgurata r-rappreżentattività fit-territorji tagħhom. Għal dan il-għan, u biex jiġi żgurat li x-xejra fl-abbundanza u d-diversità tad-dakkara tkun tista' tiġi ddeterminata b'mod kunfidenti, huwa meħtieġ li jiġi stabbilit minimu għan-numru ta' siti ta' monitoraġġ li fihom għandha tinġabar id-data f'kull Stat Membru. L-istabbiliment ta' dan l-għadd minimu se jippermetti lill-Istati Membri jimmonitorjaw għadd akbar ta' siti ta' monitoraġġ sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw aħjar il-bidliet fl-abbundanza u d-diversità tad-dakkara.
- (9) L-attività tad-dakkara hija affettwata minn diversi kundizzjonijiet ambjentali, li jiddependu fuq iċ-ċirkostanzi lokali. Għalhekk, il-monitoraġġ jenħtieġ li jkun limitat għal perjodi li fihom id-dakkara jkunu attivi fl-istadju adult taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Jenħtieġ li jiġu ddefiniti kundizzjonijiet ambjentali xierqa għall-monitoraġġ fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, kif xieraq.
- (10) Id-diversità tal-ispeċijiet komuni tad-dakkara jenħtieġ li tiġi deskritta bl-użu tal-Indiċi tad-Diversità ta' Shannon-Wiener<sup>18</sup>, metrika aċċettata sew għall-kwantifikazzjoni tad-diversità bijoloġika. L-abbundanza ta' speċijiet komuni ta' dakkara għandha tiġi kkwantifikata billi jiġu kkombinati l-abbundanza ta' speċijiet individwali ta' dakkara li għalihom hemm biżżejjed data ta' monitoraġġ.
- (11) Huwa xieraq li l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet komuni kollha mmonitorjati jiġu kkombinati f'indikatur komuni tad-dakkara wieħed, li jipprovdi valur wieħed għal kull Stat Membru fis-sena.
- (12) L-ispeċijiet aljeni, kif definiti fir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup>, jenħtieġ li ma jitqisux meta jiġu vvalutati l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' dakkara, peress li l-preżenza ta' tali speċijiet ma tistax titqies bħala kontribut għall-komunitajiet indiġeni ta' dakkara iżda pjuttost tikkostitwixxi theddida għall-bijodiversità.
- (13) Peress li l-Indiċi tad-Diversità ta' Shannon-Wiener ma huwiex metrika xierqa għad-diversità ta' speċijiet rari, sabiex jirrappreżenta d-diversità globali tal-ispeċijiet ta'

<sup>18</sup> Allaby, M. (2020) A Dictionary of Zoology (il-hames edizzjoni). Oxford University Press, Oxford. doi: [10.1093/acref/9780198845089.001.0001](https://doi.org/10.1093/acref/9780198845089.001.0001).

<sup>19</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċijiet aljeni invażivi (ĠU L 317, 4.11.2014, p. 35–55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1143/oj>).

dakkara, kemm dawk komuni kif ukoll dawk rari, huwa xieraq li l-ispeċijiet rari ta' dakkara jiġu integrati fil-valutazzjoni tad-diversità tad-dakkara permezz ta' indikatur tar-rikkezza tal-ispeċijiet ta' dakkara, jiġifieri indikatur li jgħaqqad l-għadd ta' speċijiet rari u komuni ta' dakkara rreġistrati fi Stat Membru. Il-monitoraġġ ta' speċijiet rari jenħtieġ li jeskludi l-baħrijiet, peress li l-piż tal-monitoraġġ ma jistax jiġi stmat minħabba n-nuqqas attwali ta' valutazzjonijiet tal-lista ħamra għall-baħrijiet.

- (14) Sabiex tiġi vvalutata l-effettività tal-miżuri ta' restawr implimentati fi Stat Membru, jenħtieġ li x-xejriet fl-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta' dakkara jiġu stmati fl-ekosistemi agrikoli, fl-ekosistemi forestali, u f'ekosistemi oħra, rispettivament, minħabba li l-miżuri ta' restawr huma sostanzjalment differenti f'kull wieħed minn dawk it-tipi ta' ekosistemi,

## ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### **Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “naħal” tfisser speċijiet ta' Anthophila (Apoidea), minbarra n-naħal tal-għasel (*Apis mellifera*);
- (2) “hoverflies” tfisser speċijiet ta' Syrphidae;
- (3) “friefet” tfisser speċijiet ta' Papilionoidea;
- (4) “baħrijiet” tfisser speċijiet tal-familji ta' Heterocera li ġejjin: Brachodidae, Castniidae, Cimeliidae, Drepanidae, Erebididae (inklużi Lymantriinae), Euteliidae, Geometridae, Heterogynidae, Limacodidae, Noctuidae, Nolidae, Notodontidae, Sesiidae, Sphingidae, Uraniidae, u Zygaenidae, dment li jkollhom tul tal-ġwienaħ ta' 20 mm jew aktar kif ivvalutat abbażi tal-letteratura;
- (5) “baħrijiet attivi binhar” tfisser speċijiet ta' baħrijiet li huma attivi binhar fl-istadju adult taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;
- (6) “baħrijiet attivi billejl” tfisser speċijiet ta' baħrijiet li huma attivi billejl fl-istadju adult taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom;
- (7) “Grilja ewlenija LUCAS” tfisser varjazzjoni tal-grilja INSPIRE bi Projezzjoni Ażimutali b'Erja Ugwali ta' Lambert bi għub ta' 1 km (Grid\_ETRS89-LAEA\_1km), li tibbaża fuq is-Sistema ta' Referenza ta' Koordinati bi Projezzjoni Ażimutali b'Erja Ugwali ta' Lambert ETRS89 (ETRS89-LAEA), b'oriġini fiss fi 52°N, 10°E<sup>20</sup>;
- (8) “kampjunar aleatorju stratifikat tas-siti ta' monitoraġġ” tfisser kampjunar statistiku standardizzat, fejn is-siti ta' monitoraġġ ikollhom probabbiltà ugwali li jintgħażlu minn popolazzjoni maqsuma f'subpopolazzjonijiet (strati);
- (9) “reġjuni bijoġeografiċi” tfisser reġjuni bijoġeografiċi elenkati fl-Artikolu 1, il-punt (c)(iii), tad-Direttiva 92/43/KEE<sup>21</sup>;

<sup>20</sup> <https://ec.europa.eu/eurostat/web/lucas/database/primary-data>

<sup>21</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa. (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7–50, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/1992/43/2013-07-01>).

- (10) “ekosistemi oħra” tfisser ekosistemi għajr ekosistemi agrikoli u ekosistemi tal-foresti li huma aggregati fi strat wieħed;
- (11) “mixja f’transect” tfisser metodu ta’ għbir ta’ data li fih surveyor jimxi fuq rotta predeterminata (transect) sabiex jiġbor data fuq il-post dwar speċijiet ta’ dakkara;
- (12) “perjodu ta’ osservazzjoni” tfisser il-perjodu tas-sena li jikkorrispondi għall-istaġun fejn itiru l-maġġoranza l-kbira tal-ispeċijiet ta’ dakkara;
- (13) “nassa tad-dawl” tfisser apparat li jattira l-ispeċijiet ta’ dakkara matul il-lejl billi juża d-dawl u jaqbadhom f’kontenitur;
- (14) “perjodu ta’ valutazzjoni” tfisser il-perjodu ta’ żmien li matulu jiġi vvalutat il-progress lejn il-mira msemmija fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2024/1991;
- (15) “speċijiet aljeni” tfisser l-ispeċijiet aljeni kif iddefiniti fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (UE) Nru 1143/2014;

## *Artikolu 2*

### **Speċijiet fil-mira**

L-Istati Membri għandhom jiġbru data dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta’ dakkara fil-gruppi tassonomiċi li ġejjin:

- (a) in-naħal
- (b) il-hoverflies
- (c) il-friefet
- (d) il-baħrijiet

## *Artikolu 3*

### **Siti ta’ monitoraġġ**

1. Sit għall-għbir tad-data (“sit ta’ monitoraġġ”) għandu jkun kwadru ta’ 2 km x 2 km iċċentrat fuq punt tal-grilja ewlenija LUCAS.
2. B’deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jużaw siti ta’ monitoraġġ stabbiliti minn qabel, sa fejn daww is-siti jkunu ntgħażlu f’konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 4, 5 u 6.
3. L-Istati Membri għandhom jiġbru data dwar l-abbundanza u d-diversità tal-ispeċijiet ta’ dakkara fuq l-għadd minimu ta’ siti ta’ monitoraġġ stabbilit fl-Anness I.
4. L-Istati Membri għandhom jagħżlu s-siti ta’ monitoraġġ billi japplikaw kampjunar aleatorju stratifikat. L-istratifikazzjoni għandha tkun skont ir-reġjun bijoġeografiku u skont it-tipi ta’ ekosistemi li ġejjin:
  - (a) ekosistemi agrikoli
  - (b) ekosistemi tal-foresti
  - (c) ekosistemi oħrajn

Minbarra l-istratifikazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw l-istratifikazzjoni skont ir-reġjuni tan-NUTS, il-klassijiet ta’ altitudni, l-istatus ta’ protezzjoni jew kategoriji aktar irfinati ta’ użu tal-art jew kopertura tal-art.

L-għadd ta' siti f'kull strat għandu jkun proporzjonali għas-sehem ġeografiku ta' dak l-istrat fit-territorju terrestri ta' Stat Membru partikolari.

5. Il-proċedura għall-kampjunar aleatorju stratifikat tas-siti għandha tiżgura r-rappreżentattività fit-territorju nazzjonali kollu.

Id-distanzi bejn is-siti ta' monitoraġġ għandhom ikunu mill-inqas:

- (a) 10 km għall-Istati Membri b'territorju terrestri ta' aktar minn 75 000 km<sup>2</sup>;
- (b) 5 km għall-Istati Membri b'territorju terrestri bejn 20 000 km<sup>2</sup> u 75 000 km<sup>2</sup>;
- (c) 1 km għall-Istati Membri b'territorju terrestri ta' bejn 1 000 km<sup>2</sup> u 20 000 km<sup>2</sup>.

Ma għandu jkun hemm l-ebda distanza minima bejn is-siti ta' monitoraġġ għall-Istati Membri b'territorju terrestri ta' anqas minn 1 000 km<sup>2</sup>.

6. Meta japplikaw il-kampjunar aleatorju stratifikat tas-siti ta' monitoraġġ, l-Istati Membri jistgħu jeskludu sit ta' monitoraġġ jekk jissodisfa mill-inqas wieħed mill-kriterji ta' esklużjoni li ġejjin:

- (a) aktar minn 30 % tas-sit ta' monitoraġġ huwa mingħajr veġetazzjoni terrestri;
- (b) is-sit ta' monitoraġġ ikun jinsab parzjalment jew kompletament f'ċentri urbani, f'raggruppamenti urbani jew f'żoni periurbani;
- (c) mill-inqas 30 % tas-sit ta' monitoraġġ ma jkunx aċċessibbli minħabba l-preżenza ta' infrastruttura pubblika jew minħabba li s-sit ta' monitoraġġ ikun jinsab f'żona pubblika b'aċċess ristrett, bħal żona militari, żona ta' fruntiera jew żona tal-kaċċa;
- (d) mill-inqas 30 % tas-sit ta' monitoraġġ ma jkunx aċċessibbli minħabba li s-sit ta' monitoraġġ ikun jinsab f'żona privata li tkun żona ta' fruntiera jew żona tal-kaċċa;
- (e) is-sit ta' monitoraġġ ikun jinsab f'latitudni ta' aktar minn 65°N;
- (f) il-ġbir tad-data fis-sit ta' monitoraġġ jiġi mfixxkel għal mill-inqas waħda mir-raġunijiet li ġejjin:
  - (i) is-sit ta' monitoraġġ huwa 'l bogħod mill-eqreb triq aċċessibbli għall-vetturi bil-mutur (aktar minn 2 km), jew huwa separat mit-triq permezz ta' ostakli fiżiċi jew naturali sinifikanti, li jagħmlu l-aċċess regolari diffiċli;
  - (ii) is-sit ta' monitoraġġ ikun jinsab fuq gżira iżgħar minn 50 km<sup>2</sup> jew ikun jista' jintlaħaq biss permezz ta' vjaġġ bid-dgħajsa ta' aktar minn sagħtejn minn port b'servizz ta' lanċa regolari;
  - (iii) mill-inqas 30 % tas-sit ta' monitoraġġ ikollu inklinazzjoni ta' aktar minn 20 grad;
- (g) is-sit ta' monitoraġġ ma jistax jiġi attribwit għal waħda mill-istrati msemmija fil-paragrafu 4

7. L-Istati Membri għandhom ifasslu lista tas-siti ta' monitoraġġ magħżula f'konformità mal-paragrafi 4, 5 u 6 fit-territorju tagħhom ("lista tas-siti ta' monitoraġġ").

Il-lista tas-siti ta' monitoraġġ ma għandhiex tinbidel matul perjodu ta' valutazzjoni.

8. B'deroga mill-paragrafu 7, it-tieni subparagrafu, sit fuq il-lista ta' siti ta' monitoraġġ jista' jiġi sostitwit fi kwalunkwe mumemnt jekk ikun jista' jiġi konkluż li jissodisfa

mill-inqas wieħed mill-kriterji ta' esklużjoni stabbiliti fil-paragrafu 6. Is-siti ta' monitoraġġ li huma esklużi mil-lista għandhom jiġu sostitwiti bl-applikazzjoni ta' kampjunar aleatorju stratifikat kif imsemmi fil-paragrafi 4, 5 u 6.

9. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent dwar il-lista tas-siti ta' monitoraġġ, u kwalunkwe bidla fiha, mingħajr dewmien. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tagħmel il-lista disponibbli għall-pubbliku.

#### *Artikolu 4*

##### **Perjodu ta' osservazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu, għal kull sit, il-perjodu ta' osservazzjoni li matulu għandu jsir il-ġbir tad-data f'konformità mal-Artikoli 5 u 6 kull sena. Il-perjodu ta' osservazzjoni ma għandux jinbidel matul perjodu ta' valutazzjoni.

#### *Artikolu 5*

##### **Protokoll tal-ġbir tad-data għan-naħal, il-hoverflies, il-friefet u l-baħrijiet attivi binhar**

1. Matul il-perjodu ta' osservazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom jiġbru data dwar in-naħal, il-hoverflies, il-friefet u l-baħrijiet attivi binhar f'kull sit ta' monitoraġġ billi jagħmlu mixjiet f'transect.
2. Il-mixjiet f'transect għandhom isiru separatament:
  - (a) għan-naħal;
  - (b) għall-hoverflies;
  - (c) għall-friefet u l-baħrijiet attivi binhar.
3. Il-mixjiet f'transect għandhom jitwettqu fl-istess sit ta' monitoraġġ darba fix-xahar matul il-perjodu ta' osservazzjoni, b'intervall ta' żmien minimu ta' 3 ġimgħat.
4. B'deroga mill-paragrafu 3, meta l-kundizzjonijiet ambjentali msemmija fil-paragrafu 7 ma jiġux issodisfati fuq perjodu ta' żmien estiż li jipprevjeni t-twettiq ta' mixjiet f'transect darba fix-xahar, il-mixjiet f'transect jistgħu jsiru inqas ta' spiss minn darba fix-xahar.
5. B'deroga mill-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu mixjiet f'transect bi frekwenza oġġla f'siti ta' monitoraġġ fejn il-perjodu ta' osservazzjoni jkun iqsar minn 6 xhur. F'dan il-każ, l-intervall minimu ta' żmien għandu jkun ta' inqas minn 3 ġimgħat.
6. Għal kull mixja f'transect, għandhom jiġu rreġistrati l-parametri ambjentali li ġejjin:
  - (a) it-temperatura (fi °C);
  - (b) il-kopertura tas-sħab (f'oktas);
  - (c) il-veloċità tar-riħ (f'm/s);
  - (d) iċ-ċpar (preżenza/assenza);
  - (e) il-preċipitazzjoni (preżenza/assenza);
  - (f) il-ħin tal-bidu (ss:mm);

- (g) kwalunkwe parametru rilevanti ieħor li jista' jaffettwa l-ġbir tad-data.
7. Il-mixjiet f'transsect għandhom isiru f'kundizzjonijiet ambjentali li matulhom l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu attivi fl-istadju adult taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Għal dan il-għan, għall-parametri ambjentali elenkati fil-paragrafu 6, il-punti (a) sa (f), l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li fihom għandhom jitwettqu l-mixjiet f'transsect. Dawk il-kundizzjonijiet jistgħu jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi lokali u ma għandhomx jinbidlu matul perjodu ta' valutazzjoni.
  8. It-tul ta' kull mixja f'transsect għandu jkun ta' 1 km.
  9. L-istess trajettorja tat-transsect għandha tintuża għan-naħal, għall-hoverflies, għall-friefet u għall-baħrijiet attivi binhar f'kull sit ta' monitoraġġ. It-trajettorja tat-transsect għandha tiġi ppożizzjonata bis-sħiħ fil-konfini tas-sit ta' monitoraġġ. It-trajettorja tat-transsect tista' tkun kontinwa jew maqsuma f'partijiet. Għandha tiġi ġeoreferenzjata u mmappjata qabel ma jibda l-ġbir tad-data. Kull parti tat-trajettorja ta' transect għandha tiġi attribwita għal wieħed mit-tipi ta' ekosistemi msemmija fl-Artikolu 3(4), l-ewwel subparagrafu. It-trajettorja tat-transsect fuq kull sit ta' monitoraġġ ma għandhiex tinbidel sakemm ma ssirx parzjalment jew kompletament inaċċessibbli minħabba forza maġġuri.
  10. Il-mixja f'transsect għandha ssir f'direzzjoni 'l quddiem b'veloċità kostanti għal ħin ta' osservazzjoni effettiv totali ta' 60 minuta. Il-ħin ta' osservazzjoni ma għandux jinkludi l-ħin meħtieġ għall-qbid, għat-trattament, għall-identifikazzjoni jew għar-reġistrazzjoni tal-kampjuni.
  11. Id-data għandha tinġabar fl-ispazju ta' osservazzjoni tridimensjonali delineat li ġej madwar il-persuna li tagħmel il-mixja f'transsect ("is-surveyor"):
    - (a) għan-naħal u għall-hoverflies: 1,5 m fuq kull naħa tas-surveyor, 1,5 m quddiem is-surveyor, u 1,5 m 'il fuq mis-surveyor;
    - (b) għall-friefet u għall-baħrijiet attivi binhar: 2,5 m fuq kull naħa tas-surveyor, 5 m quddiem is-surveyor, u 5 m 'il fuq mis-surveyor.
  12. Kull reġistrazzjoni ta' kampjun għandha tiġi attribwita għal wieħed mit-tipi ta' ekosistemi msemmija fl-Artikolu 3(4), l-ewwel subparagrafu.

#### *Artikolu 6*

##### **Protokoll tal-ġbir tad-data għall-baħrijiet attivi billejl**

1. Matul il-perjodu ta' osservazzjoni stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom jiġbru data dwar il-baħrijiet attivi billejl f'kull sit ta' monitoraġġ bl-użu ta' nases tad-dawl.
2. In-nases tad-dawl għandhom ikunu attivi għal lejl wieħed fix-xahar matul il-perjodu ta' osservazzjoni, b'intervall ta' żmien minimu bejn il-perjodi attivi ta' nassa tad-dawl fl-istess sit ta' monitoraġġ ta' 3 ġimgħat.
3. B'deroga mill-paragrafu 2, meta l-kundizzjonijiet ambjentali msemmija fil-paragrafu 6 ma jiġux issodisfati fuq perjodu ta' żmien estiż li jipprevjeni t-tqegħid ta' nases tad-dawl ta' kull xahar, in-nases tad-dawl jistgħu jitqiegħdu inqas ta' spiss minn darba fix-xahar.
4. B'deroga mill-paragrafu 2, in-nases tad-dawl jistgħu jitqiegħdu aktar ta' spiss minn darba fix-xahar f'siti ta' monitoraġġ fejn il-perjodu ta' osservazzjoni jkun iqsar minn

- 6 xhur. F'dan il-każ, l-intervall minimu ta' żmien għandu jkun ta' inqas minn 3 ġimgħat.
5. Matul il-perjodu attiv ta' kull nassa tad-dawl, għandhom jiġu rreġistrati l-parametri ambjentali li ġejjin:
    - (a) it-temperatura (fi °C);
    - (b) il-kopertura tas-sħab (f'oktas);
    - (c) il-veloċità tar-riħ (f'm/s);
    - (d) iċ-ċpar (preżenza/assenza);
    - (e) il-preċipitazzjoni (preżenza/assenza);
    - (f) fażi prinċipali tal-qamar (qamar ġdid, l-ewwel kwart, qamar sħiħ, l-aħħar kwart);
    - (g) kwalunkwe parametru rilevanti ieħor li jista' jaffettwa l-ġbir tad-data.
  6. In-nases tad-dawl għandhom jitqiegħdu f'kundizzjonijiet ambjentali li matulhom l-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 1 ikunu attivi fl-istadju adult taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Għal dan il-għan, għall-parametri ambjentali elenkati fil-paragrafu 5, il-punti (a) sa (f), l-Istati Membri għandhom jispeċifikaw il-kundizzjonijiet li fihom għandhom jitqiegħdu n-nases tad-dawl. Dawk il-kundizzjonijiet jistgħu jiġu adattati għaċ-ċirkostanzi f'kull sit u ma għandhomx jinbidlu matul perjodu ta' valutazzjoni.
  7. Għandhom jitqiegħdu żewġ nases tad-dawl f'kull sit ta' monitoraġġ, b'distanza ta' mill-inqas 50 m bejniethom. In-nases tad-dawl għandhom jitqiegħdu mill-inqas 10 m 'il bogħod mill-korpi tal-ilma, u mill-inqas 50 m 'il bogħod minn sorsi tad-dawl artifiċjali. Għandhom jitqiegħdu b'tali mod li l-parti ta' fuq tas-sors tad-dawl tkun bejn 30 cm u 1 m 'il fuq mil-livell tal-art. Raġġ ta' 1 m madwar kull nassa għandu jkun ħieles minn ostakli li jistgħu jimblukkaw id-dawl tan-nassa.
  8. Il-pożizzjoni tan-nases tad-dawl għandha tiġi ġeoreferenzjata u mmappjata għal kull sit ta' monitoraġġ qabel ma jibda l-ġbir tad-data. Kull nassa tad-dawl għandha tiġi attribwita għal wieħed mit-tipi ta' ekosistemi msemmija fl-Artikolu 3(4), l-ewwel subparagrafu. Il-post ta' kull nassa tad-dawl ma għandux jinbidel matul perjodu ta' valutazzjoni, sakemm ma jsirx inaċċessibbli minħabba forza maġġuri.
  9. L-Istati Membri għandhom jużaw disinn identiku tan-nassa tad-dawl u tip identiku tas-sors tad-dawl fis-siti kollha ta' monitoraġġ. Id-disinn tan-nassa tad-dawl u t-tip ta' sors tad-dawl ma għandhomx jinbidlu matul perjodu ta' valutazzjoni.

B'deroga mill-ewwel subparagrafu, disinn tan-nassa tad-dawl u tip tas-sors tad-dawl differenti jistgħu jintużaw f'latitudnijiet oġhla minn 60° N.

Is-sors tad-dawl ta' kull nassa tad-dawl għandu jkollu output għoli fil-medda tad-dawl ultravjola u blu (350-550 nm). Is-sorsi tad-dawl għandhom jinżammu kif xieraq mingħajr ebda tibdil sostanzjali fl-intensità tad-dawl jew fil-kompożizzjoni tal-ispettru tul iż-żmien.

#### *Artikolu 7*

#### **Protokoll tal-ġbir tad-data għal speċijiet rari ta' dakkara**

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu monitoraġġ immirat tal-ispeċijiet kollha tan-naħal, tal-hoverflies u tal-friefet li jiġu vvalutati bħala f'periklu kritiku. Għal dan il-

għan, l-Istat Membru jista' juża l-Lista Ħamra tal-UE ta' Speċijiet Mhedda<sup>22</sup>, jew lista ħamra nazzjonali ta' speċijiet, jew it-tnejn li huma.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, jekk l-għadd ta' speċijiet stabbilit f'konformità mal-paragrafu 1 ikun ogħla minn 15, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-għadd ta' speċijiet li għandhom jiġu mmonitorjati għal 15.
3. L-Istati Membri għandhom ifasslu lista ta' speċijiet li għandhom jiġu mmonitorjati f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 u jinnotifikawha lill-Kummissjoni. Dik il-lista ma għandhiex tinbidel matul perjodu ta' valutazzjoni.
4. L-ispeċijiet fil-lista msemmija fil-paragrafu 3 għandhom jiġu mmonitorjati permezz ta' żjarat immirati fuq il-post mill-inqas darba fis-sena f'postijiet magħrufa tal-ispeċijiet, biex tiġi stabbilita l-preżenza jew in-nuqqas tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jwaqqfu l-monitoraġġ ta' speċi f'sena partikolari ladarba l-preżenza tagħha tkun ġiet stabbilita mill-inqas f'post wieħed.
5. Ir-reġistrazzjonijiet kollha tal-ispeċijiet imsemmija fil-paragrafu 3 għandhom ikunu ġeoreferenzjati.

#### *Artikolu 8*

#### **Identifikazzjoni tal-ispeċijiet**

L-Istati Membri għandhom jidentifikaw il-kampjuni osservati jew maqbuda ta' speċijiet fil-mira fil-livell tal-ispeċi billi jużaw dijanjostika bbażata fuq l-esperti, metodi bbażati fuq id-DNA, l-intelliġenza artifiċjali, jew metodi oħrajn li jkunu ppruvati xjentifikament.

#### *Artikolu 9*

#### **Valutazzjoni tax-xejriet tal-popolazzjoni tad-dakkara**

1. Ix-xejriet fl-abbundanza u fid-diversità tad-dakkara għandhom jiġu vvalutati abbażi tad-data miġbura mill-Istati Membri f'konformità ma' dan ir-Regolament.
2. Sabiex titwettaq il-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, għandu jiġi kkalkolat indikatur komuni tad-dakkara għal kull Stat Membru bl-użu tal-metodu stabbilit fl-Anness II, u għandu jiġi kkalkolat indikatur tar-rikkezza tal-ispeċijiet ta' dakkara għal kull Stat Membru bl-użu tal-metodu stabbilit fl-Anness III.
3. L-ispeċijiet aljeni għandhom jiġu esklużi mill-ambitu tal-valutazzjoni.
4. L-ewwel perjodu ta' valutazzjoni għandu jibda [OP: għandha tiddaħħal id-data = 12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u għandu jintemm fl-2030. Wara dan, kull perjodu ta' valutazzjoni sussegwenti għandu jdum 6 snin.

#### *Artikolu 10*

#### **Valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri ta' restawr**

Għall-fini tal-valutazzjoni tal-effettività tal-miżuri ta' restawr f'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2024/1991, l-indikatur komuni tad-dakkara għandu jiġi kkalkolat separatament għal kull wieħed mit-tipi ta' ekosistema msemmija fl-Artikolu 3(4), l-ewwel subparagrafu.

<sup>22</sup> [https://environment.ec.europa.eu/topics/nature-and-biodiversity/european-red-list-threatened-species\\_en?prefLang=mt](https://environment.ec.europa.eu/topics/nature-and-biodiversity/european-red-list-threatened-species_en?prefLang=mt)

*Artikolu 11*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 19.9.2025

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*